



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9131/23

JEUN 82
EDUC 155
SOC 301
EMPL 199

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Fidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża r-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq, approvata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tal-15 u s-16 ta' Mejju 2023.

Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri
mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-reviżjoni
tal-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-
ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL

FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, tistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, fl-oqsma tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ madwar l-UE u fl-Istati Membri permezz ta' strumenti speċifiċi, inkluż il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ.
2. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ issegwi perjodi ta' ħidma triennali tul żewġ triji ta' presidenzi. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet għall-perjodi ta' ħidma rispettivi huma ppreżentati fil-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Dawn il-pjanijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji gwida u l-prijoritajiet ta' din l-Istrateġija, u jindirizzaw kwistjonijiet taż-żgħażaġh f'konfigurazzjonijiet u korpi preparatorji oħra tal-Kunsill fl-oqsma ta' politika rilevanti.
3. Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE huwa strument li jaħdem bħala boxxla u jiggwida lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jilħqu l-oġettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.
4. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet ippreżentati fil-programm ta' ħidma triennali għandhom jiġu riveduti matul l-ewwel nofs tal-2023 bil-ħsieb li jiġi approvat sal-aħħar ta' Ġunju 2023 mill-Kunsill u l-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill.

5. Il-Kunsill jistipula dawn il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE abbażi ta' informazzjoni preliminari riċevuta mit-triju ta' presidenzi mill-pajjiżi li ġejjin: Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Iżvezja, kif ukoll Spanja, il-Belġju u l-Ungerija.
6. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa u tikkomplementa azzjonijiet mill-Istati Membri deskritti f'dan il-Pjan ta' Ħidma, b'mod partikolari billi tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni, tappoġġa l-mobbiltà taż-żgħażaġh u ta' dawh li jaħdmu maż-żgħażaġh, u billi tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika. L-għodod żviluppatti biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ jistgħu jiġu mmobilizzati kif xieraq: dawn jinkludu d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, il-Pjattaforma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ u attivitajiet ta' taġħlim reċiproku (gruppi ta' esperti, attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari u konsulenza bejn il-pari). Dan huwa mirfud minn aġġornamenti regolari tal-Pjanifikaturi tal-Attivitajiet Nazzjonali Futuri, il-Wiki taż-Żgħażaġħ, l-indikaturi taż-żgħażaġh, sħarriġ, studji u riċerka. L-appoġġ huwa msaħħaħ aktar permezz ta' sħubijiet u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa, u permezz ta' programmi fil-qasam taż-żgħażaġh (b'mod partikolari l-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà).
7. Punt fokali partikolari ta' dan il-Pjan ta' Ħidma huwa s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 (EYY). L-eżiti u l-legat taġħha ser jinżammu, jiġu promossi u msaħħa peress li l-evalwazzjoni tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ ser tintuża sabiex jittejjeb u jissaħħaħ il-Pjan fil-futur. Dan ser ikompli jstimula liż-żgħażaġh jippreżentaw kontributi għat-tiswir tal-iżvilupp tal-Unjoni u tas-soċjetà iġenerali, inkluż bħala parti mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Dan ser iżid l-ġharfien dwar l-oportunitajiet għaż-żgħażaġh kif ukoll l-appoġġ ipprovdut għalihom fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, reġjonali u lokali.

Reviżjoni tal-Pjan ta' Ħidma għall-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024¹

FR, CZ, SE					
Suġġett ġenerali: "Naħdmu flimkien għal Ewropa sostenibbli u inklużiva"					
Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ #3 SOĊJETAJIET INKLUŻIVI u #10 EWROPA EKOLOĠIKA SOSTENIBBLI					
Data	Metodu ta' ħidma/strument	Mira indikattiva u riżultati	Għanijiet relatati għaż-żgħażaġh	Rabta mal-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ ²	Propost minn
2022 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-involviment fost iż-żgħażaġh bħala atturi tal-bidla sabiex jitħares l-ambjent (5 ta' April 2022)	Approvazzjoni mill-Kunsill Tħeġġiġ ta' dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati fis-settur taż-żgħażaġh biex iqisu l-fehmiet taż-żgħażaġh u jippermettulhom ikunu atturi fil-politiki pubbliċi u l-programmi relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima	Ewropa ekoloġika sostenibbli	§10a	FR

- ¹ Ikkompilat mill-Presidenza Slovena abbażi tad-dokument tal-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet possibbli għal Pjan ta' Ħidma futur tal-UE għaż-Żgħażaġħ għall-2019-2021 (dok. ST-9264/18-ADD-1) u l-informazzjoni aġġornata fl-2023 mit-triji ta' presidenzi FR-CZ-SE u ES-BE-HU.
- ² Ara r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (2020/C 415/01).

2022 (l-ewwel nofs)	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobilità ta' voluntiera żgħażaġh madwar l-Unjoni Ewropea (5 ta' April 2022)	Adozzjoni mill-Kunsill Aġġornament tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobbiltà ta' voluntiera żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea adottata taħt il-Presidenza Franċiża tal-UE fl-2008, biex jiġi ffaċilitat il-volontarjat taż-żgħażaġh f'perjodu ta' wara l-pandemija	Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd Konnessjoni tal-UE maż-Żgħażaġħ Organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u Programmi Ewropej		FR, (COM)
2022 (l-ewwel nofs)	Konferenza Ewropea dwar iż-Żgħażaġħ (Strasburgu, 24-26 ta' Jannar 2022)	Konferenza Ewropea dwar iż-Żgħażaġħ	Soċjetajiet inklużivi Ewropa ekoloġika sostenibbli		FR, COM
2022 (l-ewwel nofs)	Laqgħa informali tal-ministri għaż-żgħażaġh u għall-edukazzjoni: "għal Ewropa aktar ekoloġika u aktar sostenibbli" (Strasburgu, 27 ta' Jannar 2022)	Skambji tal-aħjar prattiki Parteċipazzjoni ta' delegati taż-żgħażaġh minn kull Stat Membru biex jaqsmu l-opinjoni taż-żgħażaġh Involviment taż-żgħażaġh fi kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli	Ewropa ekoloġika sostenibbli	§10a	FR

2022 (l-ewwel nofs)	Laqgħa informali tad-Diretturi Ġenerali għall-affarijiet relatati maż-żgħażaġħ (Bordeaux, 5-6 ta' Mejju 2022)	Temi: - Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (EYY) - Il-mobilità u r-rikonoxximent tal-ħiliet tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġħ - Sinerġiji u komplementarjetajiet bejn l-attivitajiet ta' volontarjat nazzjonali u tranżnazzjonali	Konnessjoni tal-UE maż-Żgħażaġħ		FR
2022 (l-ewwel nofs)	Seminar dwar il-parteciġazzjoni taż-żgħażaġħ fil-proġett Ewropew: "Nagħtu l-Ħajja lill-Ewropa: Flimkien maż-żgħażaġħ u għalihom" (Strasburgu, 9-10 ta' Ġunju 2022)	Skambji tal-aħjar prattiki bejn l-esperti dwar il-parteciġazzjoni taż-żgħażaġħ Segwitu għat-tmien ċiklu u għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa	Spazju u parteciġazzjoni għal kulħadd Konnessjoni tal-UE maż-Żgħażaġħ	§10e	FR

2022 (it-tieni nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġh biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali (28 ta' Novembru 2022)	Approvazzjoni mill-Kunsill Integrazzjoni tat-tħassib taż-żgħażaġh tal-lum u tal-ġenerazzjonijiet futuri b'mod aktar sistematiku fit-tfassil tal-politika Iffaċilitar tar-rikonoxximent tal-importanza tal-promozzjoni tad-djalogu interġenerazzjonali għat-trawwim tas-solidarjetà u l-ġustizzja interġenerazzjonali għal Ewropa b'saħħitha, reżiljenti, ekoloġika u inklużiva	Soċjetajiet inklużivi		CZ
2022 (it-tieni nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ (Praga, 11-13 ta' Lulju 2022)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ	Soċjetajiet inklużivi Ewropa ekoloġika sostenibbli		CZ, COM

2022 (it-tieni nofs)	Laqgħa informali tad-Diretturi Ġenerali għall-affarijiet relatati maż-żgħażaġħ: Rabtiet bejn it-tagħlim mhux formali u l-educazzjoni formali fil-qasam taż-żgħażaġħ: ir-reazzjonijiet tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ għat-telf ta' apprendiment matul il-COVID-19 u għall-ħtiġijiet tal-educazzjoni tar-refuġjati Ukreni (Praga, 19-20 ta' Settembru 2022)	Skambji tal-aħjar prattiki	Soċjetajiet inklużivi		CZ
2022 (it-tieni nofs)	Nieħdu Pussess tal-Futur (Konferenza tal-Għeluq tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, Brussell, 6 ta' Diċembru 2022)	Diskussjoni dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ	Saħħa u Benessri Mentali Tagħlim ta' Kwalità		CZ, COM, EP

2023 (l-ewwel nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ (Vaxjō, 20-22 ta' Marzu 2023)	Sommarju u konklużjoni tad-Disa' Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ Riflessjonijiet dwar id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ bħala proċess	Soċjetajiet inklużivi Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd Ewropa ekoloġika sostenibbli		SE, COM
2023 (l-ewwel nofs)	Laqgħa informali tad-Diretturi Ġenerali għall-affarijiet relatati maż-żgħażaġh (Vaxjō, 22-23 ta' Marzu 2023)	Riflessjonijiet dwar id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ bħala proċess Diskussjoni dwar il-governanza u l-implimentazzjoni tal-politika dwar iż-żgħażaġh u l-eżiti tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ Skambju tal-aħjar prattiki	Soċjetajiet inklużivi Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd		SE
2023 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali ta' Ewropa sostenibbli għaż-żgħażaġh (Mejju 2023)	Approvazzjoni mill-Kunsill Rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar id-dimensjoni soċjali ta' Ewropa ekoloġika sostenibbli, li tippromwovi l-inklużjoni tal-ilħna u l-ideat taż-żgħażaġh kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli	Ewropa ekoloġika sostenibbli Soċjetajiet inklużivi	§10a §26	SE

2023 (l-ewwel nofs)	Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-eżiti tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (Mejju 2023)	Approvazzjoni mill-Kunsill Sommarju, riflessjoni u evalwazzjoni tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ. Tisħiħ tal-kapaċità li l-informazzjoni tasal għand iż-żgħażaġh emarġinati, żvilupp ulterjuri tal-proċess/il-governanza tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ għat-titjib tal-inklużjoni u l-feedback	Ewropa ekoloġika sostenibbli Soċjetajiet inklużivi Informazzjoni u djalogu kostruttiv Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd		SE
2023 (l-ewwel nofs)	Reviżjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024 (Mejju 2023)	Approvazzjoni mill-Kunsill Reviżjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024	Soċjetajiet inklużivi		SE
2023 (l-ewwel nofs)	Konferenza dwar l-integrazzjoni tal-politika dwar iż-żgħażaġh f'oqsma oħra ta' politika (Brussell, 19 ta' Ġunju 2023)	Konferenza tal-Presidenza dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, ir-raba' objettiv: l-integrazzjoni tal-politika dwar iż-żgħażaġh	Informazzjoni u djalogu kostruttiv Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd Il-konnessjoni tal-UE maż-żgħażaġh		SE

ES, BE, HU Suġġett ġenerali: "GHANDNA BŻONN IŻ-ŻGHAŻAGH" Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġh # 3 SOĊJETAJIET INKLUŻIVI³					
Data	Metodu ta' ħidma/Strument	Mira indikattiva u riżultati	Għanijiet relatati għaż-żgħażaġh	Rabta mal-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ	Propost minn
2023 (it-tieni nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill biex tiġi promossa Aġenda Ewropea għaż-Żgħażaġħ, li tiżgura t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet taż-żgħażaġh u tpoġġihom fil-qalba tal-impenn Ewropew	Approvazzjoni mill-Kunsill Kontribut għad-definizzjoni ta' Aġenda Ewropea għad-Drittijiet taż-Żgħażaġħ Tisħiħ tad-drittijiet taż-żgħażaġh Kontribut għad-definizzjoni tal-isfidi taż-żgħażaġh Kontribut għall-iżvilupp ta' politiki mmirati lejn l-estensjoni tad-drittijiet u l-garanzija ta' ħajja sħiħa ħielsa mill-vjolenza	Soċjetajiet inklużivi		ES

³ Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (2018/C 456/01).

2023 (it-tieni nofs)	Laqgħa informali tal-ministri għaż-żgħażaġh, l-universitajiet u l-edukazzjoni	Skambji tal-aħjar prattiki Żvilupp ta' aġenda Ewropea ffukata fuq iż-żgħażaġh	Soċjetajiet inklużivi		ES
2023 (it-tieni nofs)	(<i>poss.</i>) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-għan tar-rieżami tal-programmi Erasmus+ (Żgħażaġħ) u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex titrawwem l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ	Approvazzjoni mill-Kunsill Riflessjoni u evalwazzjoni tal-programmi, l-għanijiet, l-oġettivi u l-azzjonijiet taż-żgħażaġh. Opportunitajiet għal solidarjetà. Riflessjoni dwar il-Qafas Pluriennali	Soċjetajiet inklużivi		ES (COM)
2023 (it-tieni nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ (Alicante, 2-4 ta' Ottubru 2023)	Is-suġġett ser jiġi determinat minn fost dawk identifikati mill-konferenzi/seminars	Soċjetajiet inklużivi		ES, COM
2023 (it-tieni nofs)	Laqgħa informali tad-Diretturi Ġenerali għall-affarijiet relatati maż-żgħażaġh (Alicante, mill-4 sal-5 ta' Ottubru 2023)				ES

2024 (l-ewwel nofs)	(<i>poss.</i>) Laqgħa tad-Diretturi Ġenerali dwar iż-Żgħażaġħ u Skambju ta' Livell Għoli mad-diretturi tal-aġenziji nazzjonali	Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027; riflessjonijiet dwar Erasmus+ 2021-2027 - il-Kapitolu taż-Żgħażaġħ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2021-2027	L-għanijiet kollha għaż-żgħażaġh	§13 (a) Awtonomizzazzjoni/kwalità, innovazzjoni, rikonoxximent §36	COM u BE
2024 (l-ewwel nofs)	(<i>poss.</i>) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" (titolu preliminari)	Approvazzjoni mill-Kunsill Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar li ħadd ma jitħalla jibqa' lura: inwittu t-triq lejn l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh kollha ⁴	Soċjetajiet Inklużivi	§3, §4, §5, §6, §10 (d), §13 (b), §16, §19, §20, §21, §22, §33, §34	BE
2024 (l-ewwel nofs)	(<i>poss.</i>) Konferenza dwar soċjetajiet inklużivi għaż-żgħażaġh	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ	Soċjetajiet Inklużivi	§3, §4, §5, §6, §10 (d), §13 (b), §16, §19, §20, §21, §22, §33, §34	BE

⁴ Pass 'il quddiem possibbli fil-kooperazzjoni transsettorjali mas-settur soċjali, tal-impjiegi, tal-edukazzjoni, tas-saħħa eċċ. Dokumenti ta' sfond ta' appoġġ mitluba mill-Grupp ta' Riċerkaturi Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ (PEYR).

2024 (l-ewwel nofs)	(<i>poss.</i>) Konferenza dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh ⁵ (b'attenzjoni fuq il-livell lokali u d-demokrazija: Normalment l-esperjenza taż-żgħażaġh tal-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh tibda hawnhekk, u l-livell lokali huwa fejn issir il-biċċa l-kbira tal-ħidma fost iż-żgħażaġh.)	Rakkomandazzjonijiet ta' politika Kompendju tal-aħjar prattiki Allinjament mal-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ/Proċess ta' Bonn F'kooperazzjoni ma' "Europe goes local" u "Democracy reloading" Sinjalizzazzjoni għall-Futur fejn l-"offerta tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fuq livell lokali" hija delineata bħala l-ewwel punt minn tlieta taħt l-intestatura "Forniment ta' ħidma fost iż-żgħażaġh". Is-seba' punt tad-Dikjarazzjoni Finali tat-tielet Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ jgħid li offerta bażika ta' ħidma fost iż-żgħażaġh għandha għalhekk tinkludi strateġija ċara biex jittejbu l-inklużjoni soċjali u d-diversità fost iż-żgħażaġh li jkunu qed jieħdu sehem⁶	Organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġħ u Programmi Ewropej Soċjetajiet Inklużivi	§3, §8, §10 (a), §10 (c), §10 (e), §13 (b), §13 (c) §14, §16, §17, §18, §19, §20, §21, §22, §23, §24, §25, §27, §34, §38, §39	BE
---------------------	---	--	---	---	----

⁵ Il-konferenza Ewropea ser tesplora wkoll is-suġġett tad-"dritt għal-logħob" u r-rabta mat-tagħlim formali, mhux formali u informali.

⁶ F'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam taż-żgħażaġh u l-Komunità ta' prattika dwar l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (EYWA). Intalab ukoll appoġġ mingħand il-PEYR.

2024 (l-ewwel nofs)	(<i>poss.</i>) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ta' ħidma fost iż-żgħażaġh f'Ewropa ġdida	Approvazzjoni mill-Kunsill (<i>poss.</i>) Rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fi bliet adatti għat-tfal u għaż-żgħażaġh u r-rwol tal-ispazju pubbliku (eż. il-ħidma lokali fost iż-żgħażaġh u l-bliet adatti għaż-żgħażaġh) Skambji tal-aqwa Prattiki bil-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-ħidma relatata mat-tikketta tal-bliet adatti għaż-żgħażaġh u l-Kapitali Ewropej taż-Żgħażaġħ dwar l-"ispazji pubbliċi għaż-żgħażaġh", "id-dritt għal-logħob" u r-rabta mat-tagħlim (tagħlim formali, mhux formali u informali) fil-qafas ta' "Żona Ewropea tat-Tagħlim"	L-għanijiet kollha għaż-żgħażaġh	§3, §8, §10 (a), §10 (c), §10 (e), §13 (b), §13 (c), §14, §16, §17, §18, §19, §20, §21, §22, §23, §24, §25, §27, §34, §38, §39	BE
2024 (l-ewwel nofs)	(<i>poss.</i>) Seminar dwar l-evalwazzjoni u l-aġġornament tal-aġenda Ewropea u dik internazzjonali dwar it-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet tat-tfal	Evalwazzjoni u rakkomandazzjonijiet Aġġornament tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Esplorazzjoni tas-suġġett "id-dritt għal-logħob" u r-rabta mat-tagħlim formali, mhux formali u informali	Informazzjoni u djalogu kostruttiv		BE (u <i>poss.</i> COM)
2024 (l-ewwel nofs)	Kapitali Ewropea taż-Żgħażaġh	Il-Presidenza BE ser tenfasizza r-rwol ta' Ghent bħala l-Kapitali Ewropea taż-Żgħażaġh fl-2024		§10 (c), §39	BE

2024 (it-tieni nofs)	(<i>poss.</i>) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-għaxar ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ	Approvazzjoni mill-Kunsill	Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd	§1, §2, §6, §21, §22	HU
2024 (it-tieni nofs)	(<i>poss.</i>) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' kondizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażaġh jilħqu l-potenzjal tagħhom f'żoni rurali	Approvazzjoni mill-Kunsill	Appoġġ għall-iżvilupp taż-żgħażaġh rurali	§1, §2, §5, §13 (d), §21, §26	HU
2024 (it-tieni nofs)	Konferenza dwar il-prijoritajiet tat-triju ta' presidenzi/metodu miftuħ ta' koordinazzjoni	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u laqgħa tad-Diretturi Ġenerali Eżitu finali taċ-ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ taħt it-triju ta' presidenzi ES-BE-HU	Soċjetajiet inklużivi Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd Appoġġ għall-iżvilupp taż-żgħażaġh rurali	§1, §2, §6, §13(b) §19, §21	HU
2024 (it-tieni nofs)	(<i>poss.</i>) Laqgħa informali tal-ministri għaż-żgħażaġh	Skambji tal-aħjar Prattiki	Soċjetajiet inklużivi Appoġġ għall-iżvilupp taż-żgħażaġh rurali		HU

2024 (it-tieni nofs)	(Konferenza) Il-ġabra fil-qosor, ir-rieżami u l-evalwazzjoni tal-avveniment għall-ewwel għaxar ċikli tad-Djalogu (Strutturat) tal-UE maż-Żgħażaġħ	Ħarsa ġenerali lejn l-għaxar ċikli tad-Djalogu (Strutturat) tal-UE maż-Żgħażaġħ	Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd Informazzjoni u djalogu kostruttiv	§1, §2, §6, §26	HU, ES, BE, (<i>poss. COM</i>)
2024 (it-tieni nofs)	(Seminar) Għodod biex jinħolqu kondizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażaġh jilhqqu l-potenzjal tagħhom f'żoni rurali	Skambji tal-aħjar prattiki fil-livell intersettorjali u dak interistituzzjonali Formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet.	Appoġġ għall-iżvilupp taż-żgħażaġh rurali Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd Organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u programmi Ewropej taż-żgħażaġh Tagħlim ta' kwalità.	§1, §5, § 11, §13 (a), §24, §33, §37.	HU (u <i>poss. COM</i>)